MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2009

Appell Civili Numru. 1324/1999/1

**Michael u Maryanne konjugi Mizzi**

**v.**

**Tabib Joseph M. Paris u martu Mary Paris; Direttur tat-Toroq; u Direttur tax-Xoghlijiet u b'digriet tat-2 ta' Settembru 2005, il-kawza tkompliet kontra l-Awtorita` dwar it-Trasport ta' Malta minflok id-Direttur tat-Toroq.**

**Il-Qorti:**
**Preliminari**

Dan hu appell minn zewg sentenzi tal- Prim Awla tal-Qorti Civili, wahda tal-11 ta' Jannar 2005 li biha dik il-Qorti

laqghet l-ewwel talba ta' l-atturi u ddikjarat li l-hsara fil-proprjeta` taghhom sehhet bi htija tal-Gvern ta' Malta, kif rapprezentat fil-kawza, u cahdet it-talba sa fejn maghmula kontra l-konvenuti Paris; u sentenza ohra tas-17 ta' Novembru 2006 li biha l-istess Qorti llikwidat id-danni fis-somma ta' sbatax-il elf, disa' mija u dsatax-il lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,919.86) u kkundannat lill-konvenuti jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati bl-imgħax minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju. L-istess konvenuti gew ikkundannati jħallsu wkoll l-ispejjeż kollha tal-kawża ħlief dawk tal-konvenuti Paris, li kellhom jithallsu mill-atturi.

L-atturi kienu pprezentaw citazzjoni fejn ippremettew illi:

"Peress illi l-atturi huma proprjetarji tal-fond Sta. Rita, Triq Dun Guzepp Demicoli, Ghaxaq filwaqt illi l-konvenuti Tabib Joseph Paris u martu Mary Paris huma s-sid tal-proprjeta` adjacenti "Palazzo Gannini" St. Philip Street, Ghaxaq.

"U peress illi f'dawn l-ahhar snin, il-Gvern, cioe` d-Dipartiment tax-Xoghlijiet ta' livellar ta' toroq fl-istess triqat, b'mod illi l-ilma tax-xita tal-vicinat kollu tad-dar tal-attur gie jaqleb kollu ghal *collection pit* li kien iferragh ghal gol-gnien ta' proprjeta` tal-konvenuti l-ohra, l-konjugi Paris, liema gnien imiss mal-hajt tal-bitha tal-fond tal-atturi (ara pjanta annessa – Dokument A).

"U peress illi dan kollu sar (i) bi ftehim bejn il-konvenuti jew b'akkwixxenza tal-konvenuti t-Tabib Joseph Paris u martu Mary Paris; l (ii) kontra s-sengha u l-arti, u kontra l-ligi billi l-ilma tax-xita tat-toroq gie msewwaq biex jingabar go *pit* li kien iferragh ghal gol-gnien ta' dar privata bla ma ttiehdu l-prekawzjonijiet necessarji sabiex jigi assigurat illi f'eventwalita` ta' emergenza minn ilmijiet kbar ta' *water catchment* b'mod li ma jikkawzaw hsara lil hadd.

"U peress illi b'rizultat tal-maltemp li ghamel fit-22 ta' Settembru 1997, kwantita` enormi ta' ilma tax-xita ingabar fil-gnien tal-proprjeta` tal-konvenuti t-Tabib Joseph Paris u martu Mary Paris faqa l-hajt divizorju bejn l-imsemmi

gnien u l-proprjeta` tal-atturi, b'mod illi l-ilma tax-xita gharraq kompletament l-ewwel sular tal-fond tal-atturi.

"U peress illi b'konsegwenza ta' dan l-atturi sofrew danni ingenti konsistenti f'diversi hsarat fil-proprjeta` taghhom, kif ukoll fl-oggetti mobbli li kien hemm fl-istess dar, u danni ohra konsegwenzjali kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

"U peress illi ghall-istess danni huma responsabbli unikament il-konvenuti, jew min minnhom, li naqsu li jiehdu l-mizuri kollha necessarji biex l-ilma tax-xita tal-vicinat ikollu minn fejn jghaddi u jibqa' sejjer b'mod adegwat bla ma jaghmel hsara lill-proprjeta` ta' terzi.

"U peress illi, wara li grat il-hsara tat-22 ta' Settembru 1997 lil diversi proprjetajiet, fosthom dik tal-atturi, d-Dipartimenti konvenuti hadu mizuri kemm temporanji kif ukoll permanenti biex sewwqu l-ilma tax-xita skond kif titlob is-sengha, ir-raguni u l-ligi. (Ara Dokumenti B u C).

"U peress illi l-konvenuti ghalkemm interpellati biex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tad-danni minnhom kagunati lill-atturi, anke permezz ta' ittra ufficjali tas-16 ta' Novembru 1998, baqghu inadempjenti."

Ghalhekk l-atturi talbu li l-konvenuti jghidu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

"1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-incident/sinistru li gara fit-22 ta' Settembru 1997 u danni konsegwenzjali (meta kwantita` enormi ta' ilma tax-xita ingabar fil-gnien tal-proprjeta` tal-konvenuti konjugi Paris faqa l-hajt divizorju bejn l-imsemmi gnien u l-proprjeta` tal-atturi u gharraq kompletament l-ewwel sular tal-fond tal-atturi) graw bi htija unika tal-konvenuti, jew min minnhom;

"2. Tillikwida anke permezz ta' periti nominandi, d-danni sofferti mill-atturi, inkluzi danni konsistenti f'diversi hsarat fil-proprjeta` taghhom kif ukoll fl-oggetti mobbli li kien

hemm fl-istess dar u danni ohra konsegwenzjali kif jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“3. Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom, ihallsu lill-atturi l-ammont ta’ danni hekk likwidati.

“Bl-interessi u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta’ Novembru 1998, kontra l-konvenuti, minn issa ngunti biex jidhru u ghas-subizjoni.”

Il-konvenut Paris ipprezenta nota ta’ l-eccezzjonijiet fejn eccepixxa (ara fol. 14):-

“1. Illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt ghaliex l-eccipjenti ma huma b’ebda mod, direttament jew indirettament, responsabbli ghad-danni pretisi mill-atturi;

“2. Illi, *si et quatinus*, dawk id-danni jew gew causati responsabilita` esklusiva tad-Dipartimenti tal-Gvern u tal-Kunsill Lokali li esegwew xi xoghlijiet mhux idonei ghall-kaz, jew xoghlijiet difettuzi, jew ma ghamlu ebda xoghlijiet li l-kaz kien jitlob.

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

Il-konvenut Direttur tax-Xogħlijiet ipprezenta nota ta’ l-eccezzjoniiet fejn eccepixxa (ara fol. 20):-

“1. Illi jirrespingi t-talbiet tal-atturi fil-konfront tal-eccipjenti bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, stante li l-esponent mhuwiex responsabbli ghall-maltempata li hakmet il-gzejjer Maltin fit-22 ta’ Settembru 1997.

“2. Illi fit-22 ta’ Settembru 1997, nizlet xita li kienet kkawzat diversi incidenti ta’ gharghar madwar Malta, fosthom Hal Ghaxaq, izda l-esponent ma jistax iwiegeb ghall-hsara kkawzata minn tali gharghar billi huwa ma jistax jirrispondi ghal danni kkagunati minn *force majeure* u danni li hu ma kellu ebda kontribut ghalihom u ghalhekk

ma jirrispondix ghad-danni u lanqas m'ghandu jbaghti l-ispejjez.

"3. Illi wara din il-maltempata, impjegati tal-istess Dipartiment tax-Xoghlijiet offrew l-ghajnuna taghhom u wettqu xoghlijiet fl-istess fond tal-atturi.

"4. Illi qabel ma sehh l-gharghar in kwistjoni, id-Dipartiment tax-Xoghlijiet kien qieghed jiehu l-passi necessarji sabiex isolvi l-inkonvenjent tal-ilma tax-xita fl-inhawi u l-esponenti ghamel xoghol estensiv u ghadda sistema ta' *water culverts* biex tigbor l-ilma tax-xita fl-inhawi tal-proprjeta` tal-atturi u biex dan l-ilma jigi ddevjat barra miz-zona residenzjali, liema sistema hadmet sewwa ghas-sodisfazjon tar-residenti kollha.

"5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Il-konvenut Direttur tat-Toroqipprezenta nota ta' l-eccezzjoniiet fejn eccepixxa (ara fol 24):-

"1. Illi preliminarjament it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi d-danni allegatament sofferti minnhom ma grawx minhabba xi ghemil jew nuqqas tal-konvenut izda graw bhala rizultat ta' kaz fortwitu u forza magguri li kkagunaw allegatament fil-lokalita` kollha fejn tinstab ir-residenza tal-atturi.

"2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess il-livell tat-toroq fl-inhawi tad-dar ta' residenza tal-atturi nghataw mill-Awtorita` tal-Ippjanar.

"3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Decizjoni ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' Jannar 2005

B'sentenza in parte tal-11 ta' Jannar 2005 l-ewwel Qorti ddecidiet li dwar l-ewwel talba ta' l-atturi l-ħsara fil-proprjetà tagħhom seħħet bi ħtija tal-Gvern ta' Malta, kif rappreżentat mid-dipartimenti konvenuti, li għalhekk għandu jagħmel tajjeb għad-danni. Cahdet l-istess talba safejn magħmula kontra l-konvenuti Paris. Dwar l-ispejjeż

kellu jkun hemm deċiżjoni fis-sentenza finali u ordnat li jitkompla s-smiegħ għall-għanijiet tat-tieni u t-tielet talbiet.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha:

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

"Id-dar ta' l-atturi qiegħda fi Triq Dun Ġużepp Demicoli, Ħal Għaxaq, u fuq wara tmiss ma' ġnien proprjetà tal-konvenuti Paris; il-proprjetà ta' l-atturi u dik tal-konvenuti Paris hija mifruda b'ħajt.

"Matul iż-żmien il-Gvern fetaħ toroq ġodda fl-inħawi u żdiedet għalhekk il-kwantità ta' ilma tax-xita li tinġabar fit-toroq. Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet kien ħoloq sistema biex dan l-ilma jinġabar u jitferra' fil-ġnien tal-konvenuti Paris, fejn kien jinġabar f'ġiebja, iżda kien hemm il-ħsieb li dan is-sistema jinbidel u floku jsir wieħed aħjar. Billi, iżda, id-dipartiment u l-Kunsill Lokali ma kienux jaqblu bejniethom dwar liema kien l-aħjar sistema, baqa' ma sar xejn. Fil-fatt fil-ħarġa tal-Gazzetta tal-Gvern tat-8 ta' Awwissu 1997 kienet ħarġet sejħa għal offerti għall-bini ta' gandott għall-ilma tax-xita f'Ħal Għaxaq, iżda l-Kunsill Lokali kien talab illi ma ssirx l-għażla ta' l-offerta għax ma qabilx max-xogħlijiet li kienu maħsuba li jsiru[1]. Ix-xogħlijiet imbagħad saru wara li seħħ l-inċident li wassal għall-kawża tal-lum.

"Kien hemm drabi oħra, qabel dik li wasslet għall-kawża tal-lum, fejn is-sistema ma felaħx għall-ilma kollu li għamel, u daħal ilma mill-ġnien tal-konvenuti Paris għal ġod-dar ta' l-atturi u għamlilhom ħsara, għalkemmm mhux daqs id-darba li wasslet għall-kawża tal-lum. L-atturi kellmu lill-konvenut Paris biex jitolbuhom jagħmlu xi ħaġa dwar il-mod kif jinġabar l-ilma, iżda l-konvenuti Paris qalulhom biex ikellmu lill-kunsill lokali, u ma għamlu xejn.

"Fit-22 ta' Settembru 1997 għamlet ħafna xita. Wara xi żmien l-ilma tax-xita, li kien qiegħed jinġema' wara l-ħajt li jifred il-ġnien tal-konvenuti Paris mill-proprjetà ta' l-atturi, faqa' l-ħajt u daħal f'salt u b'qawwa kbira fid-dar ta' l-atturi. Ġarr kollox miegħu u għamel ħafna ħsara, u kien għax

Alla ħabb lill-atturi li ħadd minnhom u minn uliedhom ma weġġa'.

"L-atturi qegħdin igħidu illi dan kollu seħħ bi ħtija tal-konvenuti, jew ta' xi wħud minnhom: bi ħtija tal-gvern, rappreżentat f'dawn il-proċeduri mid-dipartimenti tiegħu, għax, wara li fetaħ toroq ġodda fl-inħawi, ma ħax ħsieb li jara li l-ilma tax-xita jinġabar u jgħaddi bla ma jagħmel ħsara; u bi ħtija tal-konvenuti Paris għax dawn ħallew illi l-ilma jinġabar fil-ġnien tagħhom bla ma ħadu ħsieb jaraw illi dak l-ilma ma jagħmilx ħsara.

"Il-fatt illi l-atturi qegħdin igħidu illi għall-ħsara jew għal parti minnha jaħti l-Gvern minħabba xogħlijiet pubbliċi magħmula ħażin ma jibdilx in-natura ta' l-azzjoni li tibqa' dik għal danni *ex delicto vel quasi*[2]. Il-materja hija għalhekk regolata bl-Art. 1029 *et seqq.* tal-Kodiċi Ċivili:

**"1029.** Kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara.

**"1030.** Kull min jagħmel użu ta' jedd tiegħu fil-qies li jmiss, ma jweġibx għall-ħsara li tiġri b'dan l-użu.

**"1031.** Iżda, kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu.

**"1032.** (1) Jitqies fi ħtija kull min bl-egħmil tiegħu ma jużax il-prudenza, id-diliġenza, u l-ħsieb ta' missier tajjeb tal-famiija.

"(2) Ħadd ma jwieġeb, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi, għall-ħsara li tiġri minħabba nuqqas ta' prudenza, ta' diliġenza jew ta' ħsieb fi grad akbar.

**"1033.** Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b'nuqqas ta' diliġenza, ta' prudenza jew ta' ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa ii biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f'hekk."

"Il-Gvern permezz tad-dipartimenti tiegħu ressaq l-eċċezzjoni illi l-maltempata ma ġabhiex hu: hija *casus* u forza maġġuri. Madanakollu, din l-eċċezzjoni tirnexxi biss meta jkun il-*casus* waħdu li għamel il-ħsara, u ma tistax tirnexxi meta jkun fatt tal-konvenut li ħoloq iċ-ċirkostanzi li minħabba fihom ġrajja tan-natura, bħal ma hija x-xita, tagħmel il-ħsara:

"… … … il-kunċett ta' każ fortuwitu jew "*forza maggiore*" ma jseħħx meta għall-ħsara jkun ikkonkorra l-fatt pożittiv jew negattiv tal-bniedem, għaliex f'dan il-każ ma jkunx jista' jingħad li l-ħsara hija inevitabbli, u jkollha, bħala kawża diretta jew indiretta, il-fatt doluż jew kolpuż tal-bniedem. Mentri, skond il-prinċipji tad-dritt, biex ikun hemm każ fortuwitu mhux biżżejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, iżda hu meħtieg li jkun inevitabbli, b'mod li ma jkunx jista' jiġi evitat bid-diliġenza ordinarja tal-*bonus pater familias*.[3]"

"Fil-każ tal-lum, il-ħsara ġrat mhux biss għax għamlet ħafna xita, iżda għax it-toroq, kif magħmula, tefgħu l-ilma f'post li ma kienx jiflaħ għal dawk l-ilmijiet kollha. Għalhekk, l-eċċezzjoni tad-dipartimenti konvenuti, mibnija fuq l-argument illi "meta x-xita kienet ta' intensità mhux tas-soltu, l-inondazzjoni kienet straordinarja u ikkawżat dannu"[4], ma tistax tintlaqa'. Il-ħsara ma kienitx issir li kieku s-sistema għall-ġbir ta' l-ilma tax-xita ma kienx jitfa' l-ilma kollu f'post li ma felaħx għalih.

"Lanqas ma jista' jingħad illi ħadd ma seta' jobsor illi seta' jiġri dak li ġara. Tant kien magħruf illi s-sistema ma kienx wieħed tajjeb illi, kif tgħid in-nota ta' osservazzjonijiet tad-dipartimenti stess, "[id-]Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi kien jaf bl-inkonvenjent li jinħoloq bl-ilma tax-xita fl-inħawi u kien qiegħed jieħu l-miżuri meħtieġa u kien ipproġetta sistema ta' *culverts* għall-ilma tax-xita sabiex jissolva tali inkonvenjent qabel l-imsemmi għargħar, sakemm twaqqaf mill-Kunsill Lokali bl-oġġezzjonijiet li ressaq quddiem id-Dipartiment tal-Kuntratti"[5].

"Il-fatt illi saru oġġezzjonijiet mill-Kunsill Lokali ma jeħlisx lid-dipartiment milli jieħu d-deċiżjonijiet u jagħmel ix-xogħlijiet meħtieġa.

"Il-konvenut Direttur tat-Toroq jipprova wkoll jitfa' ħtija fuq l-Awtorità ta' l-Ippjanar għax kienet din illi tat il-livelli tat-toroq.

"Il-kwistjoni, iżda, ma hijiex dwar livelli tat-toroq; hija dwar fejn jissewwaq l-ilma li jaqa' fuq it-toroq. Il-ħsara saret għax dak l-ilma kien jissewwaq lejn post li ma kienx biżżejjed għal meta tagħmel ħafna xita u li baqa' ma sar xejn dwaru għalkemm kienet identifikata l-ħtieġa li jkun hemm sistema aħjar.

"Fil-fehma tal-Qorti, għalhekk, il-ħtija hija tal-Gvern, li baqa' ma għamilx f'waqthom ix-xogħlijiet li kien jaf li kienu meħtieġa biex jilqa' għall-ilma tax-xita.
"Fadal li nqisu jekk jaħtux ukoll il-konvenuti Paris.

"L-atturi fix-xhieda tagħhom igħidu illi kien bi ftehim mal-konvenuti Paris illi d-dipartimenti pubbliċi ħolqu sistema li bih l-ilma tax-xita kien jinġabar f'ġibjun fil-ġnien ta' Paris. Waqt il-ġbir tax-xhieda, iżda, ma nġiebet ebda prova illi tassew sar dak il-ftehim.

"Tassew illi mix-xhieda ħareġ illi l-konvenuti Paris kienu jafu illi, qabel l-okkażjoni li dwarha saret il-kawża, kien hemm okkażjoni oħra meta daħal l-ilma tax-xita mingħandhom għal għand l-atturi, u illi, meta l-atturi għarfuhom b'dan, qalu lill-atturi biex imorru jgħidu lill-Kunsill Lokali, u huma ma għamlu xejn. Madanakollu, ma nġiebet ebda prova illi kien hemm xi ħaġa li l-konvenuti Paris setgħu jagħmlu u naqsu milli jagħmluha biex l-ilma ma jibqax jasal għandhom. Ċertament, ma setgħux jagħmlu xogħlijiet fuq is-sistema pubbliku; li setgħu jagħmlu, jekk bix-xogħlijiet li saru mill-Gvern żdied il-volum ta' ilma li kien dieħel għandhom, bi ksur ta' l-Art. 475 tal-Kodiċi Ċivili, kien li jfittxu lill-Gvern biex iġegħluh isewwaq l-ilma żejjed lejn x'imkien ieħor. Iżda ma nġiebet ebda prova dwar jekk il-konvenuti Paris kienux jilqgħu l-ilma għandhom għax il-proprjetà tagħhom kienet imtaqqla'

b’servitù jew għal xi raġuni oħra, u, jekk b’servitù, dwar x’kienet dik is-servitù.

“Fin-nuqqas ta’ dan it-tagħrif, il-Qorti ma tistax tgħid jekk il-konvenuti Paris naqsux milli jagħmlu xi ħaġa li setgħu u li kien imisshom jagħmlu. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk, billi ma nġibitx prova illi l-konvenuti Paris għamlu xi ħaġa jew naqsu milli jagħmlu xi ħaġa li kellhom jagħmlu, ma jistax jingħad illi l-għemil jew in-nuqqas tagħhom kellu xi sehem fil-ħsara.

“It-talbiet safejn magħmula kontra l-konvenuti Paris għalhekk ma jistgħux jintlaqgħu.”

B’decizjoni finali tas-17 ta’ Novembru 2006 l-ewwel Qorti llikwidat id-danni fis-somma ta’ sbatax-il elf, disa’ mija u dsatax-il lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,919.86) u kkundannat lill-konvenuti Direttur tax-Xogħlijiet u Awtorità dwar it-Trasport ta’ Malta jħallsu lill-atturi d-danni hekk likwidati u l-imgħax minn dakinhar meta saret talba għall-ħlas b’att ġudizzjarju. L-istess konvenuti gew ikkundannati jħallsu wkoll l-ispejjeż kollha tal-kawża ħlief dawk tal-konvenuti Paris, li kellhom jithallsu mill-atturi.

Il-Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha.

“Il-Qorti qieset kemm ir-rapport ta’ l-espert kif ukoll il-kummenti li għamlu dwaru l-partijiet.

“Il-Qorti taqbel ma’ l-osservazzjonijiet ta’ l-atturi dwar in-nefqa ta’ mija u ħamsin Lira (Lm150) għal xogħol fuq il-bieb ta’ barra, li għandha tiżdied mal-likwidazzjoni magħmula mill-espert.

“Ma taqbilx iżda dwar it-talba għal ħamsa u disgħin lira (Lm95) spejjeż fuq il-karrozza billi dawn l-ispejjeż saru qabel l-inċident, ma huwiex imfisser x’inhuma u lanqas jekk l-effett tagħhom kienx għadu jinħass sa dakinhar ta’ l-inċident.

“Dwar telf ta’ kotba u spejjeż biex saret kċina ġdida, l-atturi osservaw illi l-espert għamel tnaqqis biex ipatti għall-fatt illi l-ħwejjeġ meqruda kienu qodma u minflokhom l-atturi kisbu ħwejjeġ ġodda, u ma jaqblux illi l-espert kellu jagħmel dan it-tnaqqis.

“Il-Qorti taqbel mar-raġunament ta’ l-espert, għax il-likwidazzjoni tad-danni għandha ssir biex kemm jista’ jkun tqiegħed lil min ikun ġarrab it-telf fl-istat li kien fih qabel it-telf, u mhux li tagħtih vantaġġ. Madanakollu, huwa relevanti wkoll illi l-atturi ma kienux serin jixtru ħwejjeġ ġodda meta kienu għadhom jinqdew sew b’dawk li kellhom qabel. Barra minhekk, il-valur tal-kotba mhux bilfors jonqos għax igħaddi ż-żmien fuqhom. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti hija tal-fehma illi għandha żżid il-likwidazzjoni għad-danni fil-kċina b’ħames mitt Lira (Lm500) u għall-kotba b’ħames mitt Lira (Lm500) oħra.

“L-atturi jsemmu *items* oħrajn illi l-perit ma qishomx għax ma kienx hemm riċevuti għalihom.

“Il-Qorti taqbel ma’ l-atturi illi lanqas *bonus paterfamilias* ma hu mistenni illi jżomm riċevuta għal kull ħaġa li jkun xtara għad-dar matul is-snin, u għalhekk in-nuqqas ta’ riċevuta ma jfissirx bilfors illi ntilef il-jedd għall-ħlas tad-danni għat-telf ta’ dik il-ħaġa, sakemm il-prova ssir xort’oħra, imqar bil-ġurament ta’ l-attur jekk il-Qorti tkun tal-fehma illi tista’ toqgħod fuqu.

“Il-ħwejjeġ li ma qiesx l-espert jiswew sitt elef, erba’ mija u sebgħa u erbgħin Lira u tmenin ċenteżmu (Lm6,447.80). Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula fuq, *i.e.* illi l-attur ħadu l-vantaġġ illi kisbu ħwejjeġ ġodda flok dawk qodma, iżda illi ma kienux sejrin jagħmlu n-nefqa biex jixtru ħwejjeġ ġodda li kieku l-qodma ma nqerdulhomx għax kienu għadhom jinqdew bihom, il-Qorti tillikwida danni addizzjonali ta’ erbat elef Lira (Lm4,000).

“Għalhekk il-likwidazzjoni magħmula mill-perit għandha tiżdied b’ħamest elef, mija u ħamsin lira (Lm5,150), u d-danni għalhekk jitilgħu għal sbatax-il elf, disa’ mija u dsatax-il lira u sitta u tmenin ċenteżmu (Lm17,919.86).”

Il-konvenuti appellaw minn dawn iz-zewg sentenzi u talbu li jigu revokati u fin-nuqqas tigi riformata s-sentenza tas-17 ta’ Novembru 2006 in kwantu din illikwidat d-danni u minflok tillikwida l-ammont ta’ danni skond ir-rapport tal-perit tekniku, u dana bl-imghax mid-data tas-sentenza u mhux kif deciz mill-ewwel Qorti.

L-aggravji ta’ l-appellanti huma kif se jinghad:

Dwar Responsabilita`

L-appellanti jirritjenu li l-ewwel Qorti ma tatx importanza bizzejjed ghall-fatt li rrizulta li tant kienet nizlet xita dakinhar illi din kellha tigi kunsidrata bhala ta’ natura straordinarja. Fil-fatt kienet nizlet dakinhar 80.8 mm li hija kunsidrata *heavy rainfall.* Din kienet tikkostitwixxi kaz fortuwitu jew forza magguri hekk kif stipulat mill-Artikolu 1029 tal-Kap 16. Certament, skond l-appellanti, l-inondazzjoni li ggib xita qawwija tikkostitwixxi *force majeure* ladarba l-avveniment kien kemm imprevedibbli, kif ukoll irresistibbli bl-uzu tad-debita kura.
Inoltre ghalkemm l-appellanti kienu fil-process li jaghmlu sistema sabiex itaffu l-inkonvenjent ta’ l-ilma fl-inhawi ta’ Hal Ghaxaq, irrizulta mill-provi illi huma kienu rcevew ilment generali mill-Kunsill Lokali u mhux minghand il-konjugi Mizzi, l-appellati. Kienu l-konvenuti Paris li kienu jafu bl-inkonvenjent precedenti li sofrew l-appellati Mizzi u dana peress illi kienu gharrfuhom l-istess appellati. Stranament l-ewwel Qorti pero` ghazlet li tillibera lill-konjugi Paris minkejja l-gharfien taghhom bil-problema ta’ l-appellati. Dak li kien prevedibbli ghall-Gvern kellu jkun prevedibbli wkoll ghall-konjugi Paris. L-ewwel Qorti qieset in-nuqqas ta’ previzjoni u ta’ azzjoni da parti tal-konjugi Paris bhala li ghandu jaghmel tajjeb ghalih il-Gvern.

L-appellanti jissottomettu wkoll li dak li sehh dakinhar kien irresistibbli. Anke kieku ghall-grazzja tal-argument sar ix-xoghol hekk kif kien originarjament progettat, il-hsara xorta wahda kienet issir, ladarba x-xita li nizlet kienet wahda straordinarja.

Dwar il-likwidazzjoni tad-danni u imghaxijiet

Dwar danni l-appellanti jissottomettu li dawn ghandhom jigu likwidati skond ir-rapport tal-perit tekniku.

Dwar imghaxijiet, l-appellanti jsostnu li l-imghax ghandu se mai jiddekorri mid-data tas-sentenza finali peress illi fic-citazzjoni t-talba ghad-danni kienet proprju *da liquidarsi,* u dana kif jirrizulta mit-tieni u tielet talba attrici.

Il-konvenuti Paris ma appellawx mis-sentenzi billi t-talbiet attrici fil-konfront taghhom gew michuda. Il-konjugi Paris ma pprezentawx risposta ghall-appell.

**Risposta ta' l-appellati**

L-appellati Michael u Mary Anne konjugi Mizzi wiegbu li s-sentenzi appellati huma ekwi u gusti u jimmeritaw li jigu konfermati. Dwar responsabilita` huma jghidu li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-hsara kawzata. Dwar l-imghax akkordat mill-ewwel Qorti, ighidu li l-kawza damet ghaddejja seba' snin, bla ebda tort taghhom, u ghalhekk l-interessi akkordati kienu gustifikati. Jissottomettu li d-danni *da liquidarsi* huma dawk li jkunu jistghu jigu likwidati biss b'referenza ghal fatt li ghad irid jigi stabbilit. Invece d-danni ghall-hlas ta' oggetti li gew mitlufa jew hsara li giet sofferta f'immobbli, huma danni fattwali li jridu jigu biss kwantifikati aktar milli likwidati.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

Dwar il-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u appell, il-Qorti, a skans ta' ripetizzjoni inutili, taghmel referenza ghal fatti kif elenkati fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti tal-11 ta' Jannar 2005 a fol. 284-5 tal-process, u li jinsabu anke riportati fil-parti inizjali ta' dina s-sentenza.

Responsablita`

L-appellanti qed jilmentaw li l-ewwel Qorti ma tatx importanza bizzejjed ghall-fatt li tant kienet nizlet xita

dakinhar li din kellha tigi kunsidrata bhala straordinarja u ghalhekk tammonta ghal kaz fortuwitu jew forza magguri ladarba l-avveniment kien kemm imprevedibbli, kif ukoll irresistibbli bl-uzu tad-debita kura.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar forza magguri kienet tirnexxi biss meta jkun hemm il-*casus* wahdu li ghamel il-hsara u ma tistax tirnexxi meta jkun fatt tal-konvenut li holoq ic-cirkostanzi li minhabba fihom grajja tan-natura, bhal ma hija x-xita, taghmel il-hsara. Fil-kaz in ezami l-hsara, skond l-ewwel Qorti, saret mhux biss ghax ghamlet hafna xita, izda ghax it-toroq, kif maghmula, tefghu l-ilma f'post li ma kienx jiflah ghal dawk l-ilmijiet kollha, u l-hsara ma kienitx issir li kieku s-sistema ghall-gbir ta' l-ilma tax-xita ma kienx jitfa' l-ilma kollu f'post li ma jiflahx ghalih. L-ewwel Qorti ddecidiet li l-konvenuti setghu jobsru li setgha jigri xi haga hekk billi kien maghruf ghalihom li s-sistema ma kienitx wahda tajba, kienu jafu b'dana l-inkonvenjent u kienu qed jiehdu l-mizuri mehtiega biex isolvu l-problema sakemm twaqqfu mill-Kunsill Lokali bl-oggezzjonijiet tieghu.

L-ewwel Qorti ma kienitx ukoll laqghet it-talbiet attrici fil-konfront tal-konjugi Paris ghal xi sehem fil-hsara kagjonata lill-appellati billi sostniet li ma kienet ngabet ebda prova li huma setghu jaghmlu, u naqsu li jaghmlu, xi haga biex l-ilma ma jibqax jasal ghand l-appellati, certament ma setghux jaghmlu xoghlijiet fuq is-sistema pubblika. Lanqas ma ngabet prova dwar jekk il-konjugi Paris kellhomx xi servitu` jew xi raguni ohra ghaliex kellhom jilqghu l-ilma.

Skond il-Ligi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, *kull hsara li tigri b'accident jew b'forza magguri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-ligi li tghid il-kuntrarju, dak illi fuq il-persuna jew il-beni tieghu tigri l-hsara*.  F'kazijiet bhal dawn min jallega li dak li gara kien dovut minhabba forza magguri,  jew *casus* ghandu l-obbligu li jippruvah u dana sal-grad ta' probabilita`.

Skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna l-"forza magguri" hija dik il-forza li ghaliha huwa mpossibbli li wiehed

jirrezisti, mentri l-"kaz fortuwitu" huwa dak meta avveniment ma setax ikun prevedut minn persuna ta' ordinarja diligenza. Il-kuncett tal-kaz fortuwitu jew forza magguri ma jsehhx meta ghall-hsara jkun ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem. Ghalhekk skond il-principju tad-dritt, biex ikun hemm il-kaz fortuwitu mhux bizzejjed li jkun hemm avveniment insolitu, sproporzjonat, u li jkun prodott mill-forzi tan-natura, imma jehtieg li jkun inevitabili, b'mod li ma jistax jigi evitat bid-diligenza ordinarja tal-*bonus pater familias*. Din il-prevedibilita` trid tkun ta' probabilitajiet ragionevoli u mhux ta' possibilitajiet remotissimi u inverosimili. (Ara Vol. XXIV p.I.p.172; Vol.p.I.p.74; Vol. XLVIII p.I. p.258).

Mhux kontestat li dakinhar ta' l-incident kienet saret maltempata u ghamlet hafna xita. Veru li l-appellanti mhux responsabbli ghall-maltempata li grat, imma b'daqshekk biss ma jfissirx li l-Qorti ghandha tikkonkludi li ghalhekk dak li gara kien bilfors minhabba forza magguri. Il-Qorti trid tara wkoll jekk kienx ikkontribwixxa l-fatt, posittiv jew negattiv, tal-bniedem ghall-akkadut.

Fil-kaz in ezami rrizulta li minhabba pjanar hazin tat-toroq fl-inhawi l-ilma tax-xita kien qed jispicca f'zona residenzjali u ma kellux minn fejn johrog mit-toroq. Kien sar arrangament temporanju biex dan l-ilma tax-xita li jghaddi mit-toroq jingabar fil-gibjun tal-gnien ta' Dr. Paris. Ir-residenti pero` ma kienux sodisfatti b'dana l-arrangament ghax kien jidher li jekk tinzel hafna xita kienet ser ssir xi disgrazzja. L-appellanti kienu gew infurmati b'dana u kienu qed jahdmu fuq sistema biex tigi eliminata dina l-problema ta' l-gharghar li kien hemm fl-inhawi. Din il-problema kienet ilha tigi rappurtata ghal tul ta' hafna zmien (ara fol. 124) u kien progettat xoghol rimedjali, izda l-Kunsil Lokali ma kienx qed jaqbel lejn fejn kellu jigi dirett dan l-ilma tax-xita. Fil-frattemp sar dan il-*flooding* fid-dar ta' l-appellati. Meta saret din il-maltempata rrizulta li l-giebja fil-post ta' Dr. Paris ma felhitx ghal l-ilma kollu, sar *overflow,* infaqa' l-hajt divizorju li kien hemm bejn id-dar ta' Dr. Paris u ta' l-appellati u r-residenza ta' l-appellati spiccat inondata bl-ilma.

Jirrizulta ghalhekk li l-appellanti kienu jafu li l-mod kif kien qed jigi direzzjonat l-ilma tax-xita fl-*area* in kwistjoni kien perikoluz u seta jikkawza gharghar (ara ittra a fol 51). Huma kienu qed jippruvaw temporanjament isibu sistema biex jiskarikaw l-ilma li kien qed jingabar hemm permezz ta' katusa li tghaddi minn fuq proprjeta` ta' terzi u tisbokka fuq triq pubblika ohra, u dana sakemm isibu soluzzjoni finali u permanenti kif eventwalment sabu meta kkomunikaw is-sistema mal-*mains*. Wara l-incident ix-xoghol sar mill-appellanti kif kien ippjanat. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li l-incident seta gie evitat kieku l-appellanti ghamlu x-xoghol li kien ilu jigi miltub minnhom mir-residenti. Ezatt wara l-incident l-ilma temporanjament beda jingabar f'*water culvert* u ma kienx hemm aktar problemi. In segwitu saret il-konnessjoni permanenti mal-*mains* kif originarjament ippjanat mid-Dipartiment.

Dak li gara la kien imprevedibbli billi l-appellanti kienu jafu bil-problema minn zmien qabel u bil-perikolu li kien hemm meta ddirezzjonaw l-ilma kollu tax-xita fil-gnien ta' Dr. Paris, u lanqas ma kien irresistibbli billi meta sar ix-xoghol rimedjali kif kien originarjament ippjanat ma baqax problemi.

Ghalhekk ghall-hsara li garrbu l-appellati jahtu l-appellanti minhabba tibdil li ghamlu fl-inhawi u l-mod kif riedu jikkontrollaw l-ilma tax-xita billi jitfghuh fil-gnien ta' Dr. Paris, mod li kien jidher li ma kienx adegwat.

L-appellanti qed jilmentaw ukoll li huma ma kienux gew infurmati mill-appellati bl-incident li huma kellhom qabel meta kien dahlilhom l-ilma tax-xita, u li kienu infurmaw biss lill-Dr.Paris u lill-Kunsill Lokali. Konsegwentement, skond l-appellanti, dak li gara ma kienx prevedibbili ghalihom.

Din il-Qorti ma taqbilx u tirrileva li kif osservat l-ewwel Qorti, Dr. Paris ma kienx responsabbili ghas-sistema tat-toroq u lanqas biex jaghmel sistema ta' *water culverts* biex jidderigi l-ilma tax-xita barra miz-zona residenzali. Dr. Paris kien qal li ma jridx jibqa' jircievi l-ilma. L-appellati wkoll kienu ilhom jinsistu mal-awtoritajiet biex is-sistema

tinbidel minhabba l-perikolu izda x-xoghlijiet rimedjali ma kienux jiddependu minnhom u lanqas minn Dr. Paris, u t-tnejn ma setghu jaghmlu xejn. L-appellanti kienu jafu li kien hemm problema u perikolu f'dika l-*area* u ghalhekk ma jistghux issa jistriehu fuq il-fatt li ma gewx infurmati biex jehilsu mir-responsablita`. Appuntu dik kienet il-problema li huma kellhom isolvu.

Ghalhekk dina l-Qorti taqbel mal-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti li l-appellanti ghandhom iwiegbu ghall-hsara.

<u>Dwar likwidazzjoni tal-hsara li garrbet il-proprjeta` ta' l-appellati.</u>

Illi l-appellati kienu pprezentaw stima ta' danni kagjonati fir-residenza taghhom fl-ammont ta' Lm23,100 (dok a fol. 48). L-ewwel Qorti kienet hatret perit tekniku u dana llikwida l-ammont fis-somma ta' Lm12,769.86. L-appellati ma kienux qablu ma' dina l-istima u kienu ghamlu nota ta' sottomissjonijiet, fejn talbu l-ammont ta' Lm20,619.80 billi ma qablux mal-perit tekniku. L-appellanti, min-naha l-ohra, qablu ma' l-istima tal-perit tekniku u talbu li l-Qorti tadottaha.

L-ewwel Qorti kienet ziedet is-somma ta' Lm5,150 fuq l-ammont likwidat mill-perit, sabiex waslet ghal figura finali ta' Lm17,919.86 li l-konvenuti kienu gew ikkundannati biex ihallsu.

Dina l-Qorti ezaminat il-provi prodotti u d-dokumenti esebiti f'dana r-rigward u tirrileva li dwar id-danni reklamati mill-appellati u li dwarhom inghatat it-tieni sentenza, cioe` dika tas-17 ta' Novembru 2006, kienet saret perizija teknika, saru sottomissjonijiet mill-partijiet, u l-ewwel Qorti ddecidiet li, waqt li taddotta r-relazzjoni in parti, akkordat somma ulterjuri li deherilha li kienet ukoll dovuta lill-appellati fic-cirkostanzi. L-appellati qed jaqblu mad-decizjoni ta' l-ewwel Qorti mentri l-appellanti ssottomettew li ghandha tigi adottata l-istima tal-perit tekniku.

Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjoni ta' l-ewwel Qorti u mar-ragunament taghha kemm dwar id-deprezzament li kellu jsir fuq xi oggetti kif ukoll fuq il-fatt li mhux bilfors kull

oggett irid jigi suffragat b'ricevuta sakemm it-talba tigi konfermata mod iehor, imqar bil-gurament tal-parti. L-appellanti, apparti li qablu mar-rapport tal-perit tekniku, ma gabu ebda raguni ghaliex id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti li ziedet ammont ulterjuri kellha tigi mwarrba.

Dwar imghax

L-appellanti qed isostnu li l-pretensjonijiet ta' l-appellati la kienu likwidi u certi u wisq anqas facilment determinabbili, u ghalhekk kontra tali debitu ma jiddekorrux imghaxijiet. Isostnu li l-ewwel Qorti ppregudikathom meta akkordat imghaxijiet minn dakinhar meta saret talba ghall-hlas b'att gudizzjarju.

"Il-principju legali ***in illiquidis non fit mora*** jista' jigi derogat f'certi cirkostanzi. Fil-gurisprudenza gie accettat li meta l-ammont ikun indikat fl-att tac-citazzjoni, allura huwa permissibbli lil-Qorti tordna li fuq dak l-ammont, jew fuq ammont inferjuri ghal dak indikat, jibda jiddekorri l-imghax mid-data tal-prezentata tal-att tac-citazzjoni" (ELLUL SAVIOUR NOE **vs** ELLUL VINCENTI AIC JOSEPH NOE, Prim Awla, 21/01/2005)

"Imghaxijiet jistghu biss jigu komputati jew akkordati in linea ta' danni minhabba dewmien fl-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni meta l-oggett ta' l-obbligazzjoni jkun hlas ta' somma determinata" (MIZZI VIVIAN CHARMAINE **vs** MIZZI CARMEL, Appell, 30/06/2004)

Japplika l-principju enuncjat fl-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 li meta l-obbligazzjoni jkollha biss bhala oggett il-hlas ta' somma determinata, id-danni li jigu mid-dewmien ta' l-esekuzzjoni taghha jkunu jikkonsistu biss fl-imghaxijiet fuq is-somma li jkollha tinghata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena; u dak li hemm provdut u fis-sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 1141 li l-imghaxijiet ghandhom ighaddu minn dakinhar illi ssir sejha ghall-hlas b'att gudizzjarju.

F'dan il-kaz, fil-fehma tal-Qorti, fir-rigward ta' l-imghaxijiet certament kemm il-kwistjoni tar-responsabbilita` u kemm il-kwistjoni tal-likwidazzjoni ta' l-ammont tal-hsara li saret

minhabba l-inondazzjoni ta' l-ilma, kienu kwistjonijiet li ma kenux facilment determinabbli, tant li dwar id-danni kellu jigi nominat perit tekniku biex issir il-likwidazzjoni tad-danni. Inoltre l-ewwel Qorti ma qablitx ukoll ghal kollox mal-konkluzjonijiet tal-perit tekniku. Fil-kaz in ezami, ghalhekk, l-imghax ma kellux jibda jiddekorri minn dakinhar li saret l-ewwel intimazzjoni mill-appellati lill-appellanti. L-imghax ghandu jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza. Kif jidher mic-citazzjoni t-talba ghad-danni hija *da liquidarsi*.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tichad l-aggravji kollha ta’ l-appellanti hlief dak dwar l-imghax u mill-bqija tikkonferma is-sentenzi appellati.

**Decizjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti a bazi wkoll ta’ dak li jinghad f’din is-sentenza, tiddeciedi billi tichad l-appell mis-sentenza tal-11 ta’ Jannar 2005 u tikkonferma in toto dik is-sentenza; tilqa’ l-appell ta’ l-appellanti mis-sentenza tas-17 ta’ Novembru 2006 biss fir rigward ta’ fejn intalab li l-imghax jigi komputat mid-data tas-sentenza; u ghalhekk tirriforma dik is-sentenza f’dan is-sens u tikkonfermaha ghall-kumplament, bl-imghax skond il-ligi dekorribbli mis-17 ta’ Novembru 2006 sal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kif decizi mill-ewwel Qorti bis-sentenza tas-17 ta’ Novembru 2006;

L-ispejjez ta’ dina l-istanza jithallsu mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------